

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1502**tat-2 ta' Ġunju 2017****li jemenda l-Annessi I u II tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bl-iskop li jiġu adattati għall-bidla fil-proċedura tat-test regolatorju għall-kejl tal-emissjonijiet tas-CO₂ minn vetturi ħfief****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jstabilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO₂ minn vetturi ħfief ⁽¹⁾, u b'mod partikulari t-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 8(9) u t-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 13(7) tiegħu,

Billi:

- (1) B'effett mill-1 ta' Settembru 2017, proċedura ġdida għat-test regolatorju tal-kejl tal-emissjonijiet tas-CO₂ u tal-konsum tal-fjuwil ta' vetturi ħfief, jiġifieri l-Proċedura ta' Ttestjar Armonizzata fuq Livell Dinji għall-Vetturi Ħfief (WLTP — World Harmonised Light Vehicles Test Procedure), stabbilita fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 ⁽²⁾, se tissostitwixxi ċ-Ċiklu tas-Sewqan Ewropew Ġdid (NEDC — New European Driving Cycle) li qed jintuża bħalissa skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 ⁽³⁾. Id-WLTP hija mistennija li tippovdi valuri tal-emissjonijiet tas-CO₂ u tal-konsum tal-fjuwil li huma aktar rappreżentattivi f'kundizzjonijiet ta' sewqan reali.
- (2) Sabiex titqies id-differenza fil-livell tal-emissjonijiet tas-CO₂ imkejla skont il-proċeduri tal-NEDC eżistenti u tad-WLTP l-ġodda, iddaħħlet fis-seħħ metodoloġija għall-korrelazzjoni ta' dawk il-valuri skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1153 ⁽⁴⁾.
- (3) Il-metodoloġija għall-korrelazzjoni għandha tintuża matul l-introduzzjoni tad-WLTP sa tmien l-2020 biex ikun żgurat li l-konformità tal-manifatturi mal-miri għall-emissjonijiet tas-CO₂ tkun tista' tiġi vverifikata abbażi tal-valuri ta' emissjonijiet tal-NEDC matul dak il-perjodu. B'riżultat ta' dan, il-miri tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ abbażi tad-WLTP jenħtieġ li jiġu applikati b'effett mis-sena kalendarja 2021.
- (4) Fl-2020, l-emissjonijiet tas-CO₂ tal-vetturi l-ġodda kollha rreġistrati għandhom jiġu ddeterminati abbażi kemm tal-NEDC kif ukoll tad-WLTP skont il-metodoloġija għall-korrelazzjoni. Meta dawk iż-żewġ valuri ta' CO₂ jiġu mmonitorjati, is-settijiet ta' dejta robusti li joħorġu għandhom ikunu jistgħu jintużaw biex jitqabbel il-livell ta' emissjonijiet li jirriżulta miż-żewġ proċeduri tat-test. Dawk is-settijiet ta' dejta għandhom jippermettu li jiġu ddeterminati l-miri għall-emissjonijiet speċifiċi abbażi tad-WLTP li huma ta' strettezza komparabbli ma' dawk iddeterminati b'referenza għall-kejl tal-NEDC skont ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 13(7) tar-Regolament (KE) Nru 443/2009.
- (5) Għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' mira tal-emissjonijiet speċifiċi ta' manifattur fis-sena 2021, id-WLTP medju tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' karozzi ġodda rreġistrati fl-2020 għandu jintuża bħala valur ta' referenza. Il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi jenħtieġ li tiġi determinata billi jiddied jew jitnaqqas dak il-valur ta' referenza b'mod proporzjonali mal-prestazzjoni tal-manifattur biex jissodisfa l-mira bbażata fuq l-NEDC fl-2020.
- (6) Biex jiġi żgurat li l-miri għall-emissjonijiet speċifiċi abbażi tad-WLTP jibqgħu komparabbli matul iż-żmien, għandu jitqies it-tibdil annwali fil-massa medja tal-flotta tal-manifattur.

⁽¹⁾ ĠUL 140, 5.6.2009, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 tal-1 ta' Ġunju 2017 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 692/2008 (ĠUL 175, 7.7.2017, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 tat-18 ta' Lulju 2008 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura (ĠUL 199, 28.7.2008, p. 1).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1153 tat-2 ta' Ġunju 2017 li jstabilixxi metodoloġija biex jiġu determinati l-parametri ta' korrelazzjoni meħtieġa biex tiġi riflessa l-bidla fil-proċedura tat-test regolatorju u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1014/2010 (ĠUL 175, 7.7.2017, p. 679).

- (7) Jenħtieġ li għadd ta' parametri ġodda jiżdiedu mad-dejta dettaljata li għandha tiġi mmonitorjata wara l-introduzzjoni tad-WLTP. Skont id-WLTP il-valuri tal-emissjonijiet tas-CO₂ għandhom jiġu kkalkulati billi titqies il-konfigurazzjoni speċifika ta' kull vettura individwali. Sabiex jiġi żgurat li l-vetturi jkunu jistgħu jiġu identifikati u li d-dejta tista' tiġi vverifikata b'mod effikaċi mill-manifatturi kif ukoll mill-Kummissjoni, huwa xieraq li l-monitoraġġ jiġi bbażat fuq in-numri tal-identifikazzjoni tal-vettura.
- (8) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi I u II tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 jiġu emendati skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi I u II tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Ġunju 2017.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

L-Annessi I u II tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness I, għandhom jiżdiedu l-punti 3, 4 u 5 li ġejjin:

“3. Il-mira ta’ referenza tal-emissjonijiet speċifiċi għal manifattur fl-2021 għandha tiġi kkalkulata kif ġej:

$$\text{Mira ta' referenza tal-emissjonijiet speċifiċi tad-WLTP} = \text{WLTP}_{\text{CO}_2} \cdot \left(\frac{\text{NEDC}_{2020\text{target}}}{\text{NEDC}_{\text{CO}_2}} \right)$$

Fejn:

$\text{WLTP}_{\text{CO}_2}$ huwa l-medja tal-emissjonijiet speċifiċi ta’ CO_2 fl-2020 iddeterminata skont l-Anness XXI tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 (*) u kkalkolata skont is-sitt inċiż fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 4 ta’ dan ir-Regolament, mingħajr ma kien inkluż l-iffrankar tas- CO_2 li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikoli 5a u 12 ta’ dan ir-Regolament;

$\text{NEDC}_{\text{CO}_2}$ huwa l-medja tal-emissjonijiet speċifiċi ta’ CO_2 fl-2020 iddeterminata skont ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1153 (**), u kkalkolata skont is-sitt inċiż fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 4 ta’ dan ir-Regolament, mingħajr ma kien inkluż l-iffrankar tas- CO_2 li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikoli 5a u 12 ta’ dan ir-Regolament;

$\text{NEDC}_{\text{mira tal-2020}}$ huwa l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi għall-2020 skont il-punt 1(c) ta’ dan l-Anness.

4. Mill-2021, il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi għal manifattur għandha tkun ikkalkulata kif ġej:

$$\text{Mira tal-emissjonijiet speċifiċi} = \text{WLTP}_{\text{mira ta' referenza}} + a [(M\emptyset - M_0) - (M\emptyset_{2020} - M_{0,2020})]$$

Fejn:

$\text{WLTP}_{\text{reference target}}$ huwa l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi għall-2021 ikkalkulata skont il-punt 3;

a kif definit fil-punt 1(c);

$M\emptyset$ huwa l-medja tal-massa (M), f’kilogrammi (kg), kif definit fil-punt 1 għall-vetturi rreġistrati ġodda fis-sena fil-mira;

M_0 kif definit fil-punt 1;

$M\emptyset_{2020}$ huwa l-medja tal-massa (M), f’kilogrammi (kg), kif definit fil-punt 1 għall-vetturi rreġistrati ġodda fl-2020;

$M_{0,2020}$ huwa l-valur M_0 applikabbli għas-sena ta’ referenza 2020.

5. Għal manifattur li ngħata deroga fir-rigward tal-mira speċifika tal-emissjonijiet abbażi tal-NEDC fl-2021, il-mira tad-deroga abbażi tad-WLTP għandha tiġi kkalkulata kif ġej:

$$\text{Derogation target}_{2021} = \text{WLTP}_{\text{CO}_2} \cdot \frac{\text{NEDC}_{2021\text{target}}}{\text{NEDC}_{\text{CO}_2}}$$

Fejn:

$\text{WLTP}_{\text{CO}_2}$ kif definit fil-punt 3;

$\text{NEDC}_{\text{CO}_2}$ kif definit fil-punt 3;

$\text{NEDC}_{\text{mira tal-2021}}$ huwa l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi għall-2021 mogħtija mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 11 ta’ dan ir-Regolament.

(*) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 tal-1 ta’ Ġunju 2017 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta’ vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta’ vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta’ vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 692/2008 (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 1).

(**) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1153 tat-2 ta’ Ġunju 2017 li jstabbilixxi metodoloġija biex jiġu determinati l-parametri ta’ korrelazzjoni meħtieġa biex tiġi riflessa l-bidla fil-proċedura tat-test regolatorju u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1014/2010 (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 679).”;

(2) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti A, il-punt 1 jinbidel b'dan li ġej:

“1. Għal kull sena kalendarja, l-Istati Membri għandhom jirreġistraw id-dejta ddettaljata li ġejja għal kull karozza ġdida tal-passiġġieri rreġistrata fit-territorju tagħhom:

- (a) il-manifattur;
- (b) in-numru tal-approvazzjoni tat-tip u l-estensjoni tiegħu;
- (c) it-tip, il-varjant u l-verzjoni (meta applikabbli);
- (d) l-għamla u l-isem kummerċjali;
- (e) il-kategorija ta' vettura tat-tip approvat;
- (f) l-għadd totali ta' reġistrazzjonijiet ġodda;
- (g) il-massa fi stat operattiv;
- (h) l-emissjonijiet speċifiċi ta' CO₂ (NEDC u WLTP);
- (i) footprint: it-tul bejn il-fusien u l-wisa' bejn rota u oħra tal-fus tat-tidwir u tal-fusien l-oħrajn;
- (j) it-tip ta' fjuwil u l-modalità tal-fjuwil;
- (k) il-kapaċità tal-magna;
- (l) il-konsum tal-enerġija elettrika;
- (m) il-kodiċi għat-teknoloġija innovattiva jew għall-grupp ta' teknoloġiji innovattivi u t-tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO₂ bis-saħħa ta' dik it-teknoloġija (NEDC u WLTP);
- (n) il-potenza netta massima,
- (o) in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura;
- (p) il-massa tat-test WLTP;
- (q) il-fatturi tad-devjazzjoni u tal-verifika msemmija fil-punt 3.2.8 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1153;
- (r) il-kategorija tal-vettura rreġistrata.

Madankollu, għas-sena kalendarja 2017, id-dejta msemmija fil-punt (g), fir-rigward tal-valuri tal-emissjonijiet tas-CO₂ tad-WLTP, u fil-punt (l), fir-rigward tal-iffrankar ekoinnovattiv tad-WLTP, kif ukoll id-dejta msemmija fil-punti (n), (o) u (q), jistgħu jiġu rrapportati fuq bażi volontarja.

Mis-sena kalendarja 2018, l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 8, il-parametri kollha elenkati f'dan il-punt kif speċifikat fil-format fit-Taqsima 2 tal-Parti C.

L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli d-dejta msemmija fil-punt (f) għas-snin kalendarji 2017 u 2018.”

(b) Il-parti C tinbidel b'dan li ġej:

“PARTI C — Il-format għat-trażmissjoni tad-dejta

Għal kull sena, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni speċifikata fil-punti 1 u 3 tal-Parti A fil-formati li ġejjin:

Taqsima 1 — Dejta aggregata dwar il-monitoraġġ

Stat Membru (1):	
Sena	
Sors tad-dejta	

L-għadd totali ta' reġistrazzjonijiet ġodda ta' karożżi ġodda tal-passiġġieri soġġetti għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE	
L-għadd totali ta' reġistrazzjonijiet ġodda ta' karożżi ġodda tal-passiġġieri b'approvazzjoni individwali	
L-għadd totali ta' reġistrazzjonijiet ġodda ta' karożżi ġodda tal-passiġġieri approvati bħala serje nazzjonali żgħira	

(¹) Il-kodiċijiet ISO 3166 alpha-2 ħliet għall-Greċja u għar-Renju Unit, bil-kodiċijiet tagħhom "EL" u "UK" rispettivament.

Taqsim 2 — Dejta dettaljata dwar il-monitoraġġ — reġistrazzjoni ta' vettura waħda

Referenza għall-Punt 1 tal-Parti A	Dejta dettaljata għal kull vettura rreġistrata
(a)	Id-denominazzjoni standard tal-UE tal-isem tal-manifattur
	Id-dikjarazzjoni OEM tal-isem tal-manifattur
	Isem il-manifattur fir-reġistru tal-Istat Membru (¹)
(b)	In-numru tal-approvazzjoni tat-tip u l-estensjoni tiegħu
(c)	It-tip
	Il-varjant
	Il-verżjoni
(d)	L-għamla u l-isem kummerċjali
(e)	Il-kategorija tat-tip ta' vettura approvata
(f)	L-għadd totali ta' reġistrazzjonijiet ġodda (2017 u 2018)
(g)	Massa fi stat operattiv
(h)	L-emissjonijiet speċifiċi ta' CO ₂ (ikkombinati) Valur tal-NEDC
	L-emissjonijiet speċifiċi ta' CO ₂ (ikkombinati) Il-valur WLTP (mill-2019)
(i)	It-tul bejn il-fusien (wheel base)
	Il-wisa' bejn ir-roti tal-fus tal-istering (Fus 1)
	Il-wisa' bejn ir-roti tal-fus l-ieħor (Fus 2)
(j)	It-tip ta' fjuwil
	Il-modalità tal-fjuwil
(k)	Il-kapaċità tal-magna (cm ³)
(l)	Il-konsum tal-enerġija elettrika (Wh/km)
(m)	Il-kodiċi tal-innovazzjoni(jiet) ekoloġika/ċi
	It-total NEDC tal-iffrankar tal-emissjonijiet tas-CO ₂ minħabba l-ekoinnovazzjoni(jiet)
	It-total WLTP tal-iffrankar tal-emissjonijiet tas-CO ₂ minħabba l-ekoinnovazzjoni(jiet) (mill-2019)

Referenza għall-Punt 1 tal-Parti A	Dejta dettaljata għal kull vettura rreġistrata
(n)	Il-potenza netta massima
(o)	In-numru tal-identifikazzjoni tal-vettura (mill-2019);
(p)	Il-massa tat-test WLTP (mill-2019)
(q)	Il-fattur De tad-devjazzjoni (fejn disponibbli)
	Il-fattur tal-verifika (fejn disponibbli)
(r)	Il-kategorija tal-vettura rreġistrata

(¹) Fil-każ tal-approvazzjonijiet ta' serje nazzjonali żgħira (NSS — national small series) jew l-approvazzjonijiet individwali (IVA — individual approvals), l-isem tal-manifattur għandu jiġi pprovdut fil-kolonna "Isem il-manifattur fir-reġistru tal-Istat Membru" filwaqt li fil-kolonna "Id-denominazzjoni standard tal-UE tal-isem tal-manifattur" għandu jiġi indikat wieħed minn dawn li ġejjin: "AA-NSS" jew "AA-IVA" skont il-każ."